# KUNSILL LOKALI MTARFA

**IS-SITT LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**
**LAQGĦA NUMRU 17 – IT-TNEJN 17 TA' FRAR 2014**

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| | Twanny Bugeja | Kunsillier |
| | Matthew Seychell | Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ (Skużat) |

Għal xi ħin attenda l-*accountant* tal-Kunsill.

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA NRU. 16

1.1 Il-minuti ntbagħtu minn qabel u għaldaqstant kienu meqjusa moqrija. Ma kien hemm ebda emenda xi ssir u għaldaqstant ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 2. PUNTI MILL-MINUTI

2.1 Fir-rigward ta' para. 2.1, is-SE infurmat li l-*floodlights* ta' Binja Msieraħ kienu twaħħlu kif mitlub mill-Kunsill.

2.2 Rigard para. 2.3, is-SE infurmat li l-avukat kien bagħat ittra liċ-*Chairperson* tal-Awtorità tad-Djar għall-informazzjoni dwar il-kuntratt li kien hemm bejnhom u d-Depiro però din kienet infurmat li ma tistax tagħti informazzjoni. Għaldaqstant l-avukat kien issuġġerixxa biex il-Kunsill jikteb lill-Awtorità u jinfurmaha li hemm periklu minħabba li din l-art tinsab abbandunata.

2.3 Is-SE infurmat li kienet saret il-laqgħa mal-Onor. Herrera fejn attendew hi flimkien mal-Viċi Sindku u l-Perit tal-Kunsill. Hija infurmat li hu kien wiegħed lill-Kunsill li jgħaddilu l-binja magħrufa bħala tal-karnival meta dawn ikunu ġew trasferiti ġol-binja li se tibda tospita l-karrijiet tal-karnival.

2.4 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' para. 2.5, is-sentenza tal-qorti kienet inqatgħet favur is-Sinjuri Zahra u l-Kunsill kien ġie ordnat iħallas is-somma ta' €1563. Hija infurmat li l-insurance kienet lesta tħallas €563 filwaqt li l-kumplament kellu jħallashom il-Kunsill. Hija infurmat ukoll li l-insurance kienet ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-fatt li meta sar dan l-inċident (madwar 4 snin ilu), is-SE ta' dak iż-żmien kien fid-dmir li jwassal il-każ quddiemhom b'mod immedjat.

2.5 Is-SE infurmat li kienet bagħtet ittra lit-Traffic Management Unit sabiex tingħata l-approvazzjoni għal sleeping policeman fi Triq l-Imtarfa. Filwaqt li l-Kunsill qabel li jkun aħjar li jitpoġġew żewġ sleeping policemen, is-SE ġibdet l-attenzjoni dwar l-ispiża. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jistenna l-approvazzjoni u jġib il-kwotazzjonijiet neċessarji.

2.6 Is-SE infurmat li l-parti perikoluża fi Triq l-Istazzjoni tnaddfet mill-bajtar u l-ġebel skont kif deċiż mill-Kunsill. Minħabba li kien hemm parti oħra li kienet tidher perikoluża wkoll, kien hemm qbil li għandha tintbagħat kommunikazzjoni lill-Ministeru tal-Infrastruttura.

2.7 Is-SE infurmat li l-U-Bend imsemmija f'para. 3.3 kienet twaħħlet imma xi ħadd mhux magħruf kien qalagħha l-għada.

2.8 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li fid-dawl li wara li ttieħdet id-deċiżjoni min-naħa tal-Kunsill li jinġabu xi ħaddiema tal-ETC, l-accountant tal-Kunsill kien ġibed l-attenzjoni dwar il-fatt li matul is-sena li għaddiet, il-Kunsill kien nefaq aktar mill-allokazzjoni tiegħu, hija ħasset li l-Kunsill għandu joqgħod lura milli jġibhom għalissa. Il-Kunsill ma qabilx mas-suġġeriment tas-SE għar-raġuni li l-Kunsill ma jħallasx għall-*manpower*, għalkemm is-SE xorta indikat li jrid jinxtara l-materjal biex dawn ikunu jistgħu jagħmlu x-xogħol.

2.9 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' para. 12.1, kienu qed jiġabu l-kwotazzjonijiet għall-konkos. Hekk kif tiġi ddeterminata l-inqas kwotazzjoni kien se jsir ix-xogħol mill-ħaddiema tal-IPSL.

2.10 Is-SE infurmat li kienet għadha qed taħdem fuq para. 12.2.

## 3. KOMMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku informa li minn Dar il-Kaptan kienu talbuh sabiex isiru xi tabelli ta' indikazzjoni minħabba mhux faċli li wieħed isibhom. Kien hemm qbil li s-SE għandha tara jekk jistgħux isiru żewġ tabelli fejn kull tabella tinkorpora numru ta' żoni eċċ minflok ħafna ħdejn xulxin.

3.2 Is-Sindku fakkar lis-SE sabiex il-ħaddiema tal-IPSL jieħdu ħsieb iduru l-arbli ta' Triq Gregorio Caraffa minħabba s-sadid sabiex ikun jista' jsir ix-xogħol fuqhom u l-electrician jinstalla żewġ *floodlights* fuq wara ta' din it-triq. Is-SE qablet li se tfakkar lill-ħaddiema iżda ssuġġeriet lill-Kunsill jikkunsidra li jagħmel aktar spejjeż fuq in-naħa ta' wara ta' Triq Gregorio Caraffa. Hawnhekk is-Sindku informa li l-ispiża sabiex jitpoġġew żewġ *floodlights* fuq wara m'għandhiex tkun kbira. Kien hemm qbil li għandha tinġieb kwotazzjoni.

3.3 Is-Sindku talab lis-SE tivverifika x'jista' jsir biex jitneħħa l-periklu li hemm f'numru ta' passaġġi tal-konkos bejn il-barracks minħabba li fihom il-ħażiż. Is-SE infurmat li ftit tal-ġranet qabel diġà kien sar tentattiv mill-ħaddiema tal-Kunsill iżda ma kienx ħalla riżultati pożittivi. Hija għaldaqstant infurmat li kienet se titlob parir lill-perit.

3.4 Is-Sindku għadda kopja tar-responsabbiltajiet li kien għadda lil kull Kunsillier fil-bidu tal-leġiżlatura u fakkarhom sabiex kull wieħed jassigura li qed jagħmel dmiru fejn għandhom x'jaqsmu dawn ir-responsabbiltajiet individwali sabiex il-Kunsill ikun jista' jagħmel progress f'kull qasam.

3.5 Is-Sindku propona li l-Kunsill jipparteċipa f'kompetizzjoni li kienet ġiet varata mis-Segretarjat Parlamentari għad-drittijiet ta' persuni b'diżabilità u anzjanità attiva. Għalkemm is-SE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-fatt li biex wieħed jipparteċipa f'din il-kompetizzjoni, il-Kunsill ikun irid jinvesti fi proġett ta' minimu

ta’ €3000, il-Kunsill qabel li għandhom jiġu kkonsultati l-entitajiet tal-lokal li jieħdu ħsieb iċ-Ċentri ta’ Diżabbilità, il-Perit tal-Kunsill, kif ukoll xi residenti li għandhom diżabbilità.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

4.2 Is-SE preżentat rapport tad-dħulijiet għax-xahar ta’ Jannar 2014.

## 5. APPROVAZZJONI TAL-*END OF YEAR FINANCIAL STATEMENTS* 2013

5.1 L-*accountant* tal-Kunsill ta rendikont tas-sitwazzjoni finanzjarja għas-sena 2013 skont l-*end of year financial statements*.

5.2 Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE. Kopja tiegħu mehmuża.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-BAĠIT GĦAS-SENA 2014

6.1 L-*accountant* tal-Kunsill preżenta kopja tal-baġit hekk kif diskuss mal-Kunsill u mas-SE.

6.2 Dan ġie approvat u jinsab mehmuż.

6.3 Sadanittant fuq suġġeriment tal-*accountant* għal mistoqsija li saritlu, kien hemm qbil li l-Perit għandu jintalab jagħti stima ta’ xogħol fuq bankini li ma taqbiżx l-€10,000. Is-SE ġibdet l-attenzjoni li huwa imperattiv li l-Kunsill ma jeċċedix dik is-somma.

## 7. APPROVAZZJONI TAL-PJAN TA’ TLIET SNIN

7.1 Kien hemm qbil li l-€10,000 li l-Kunsill preċedenti kien pjana għall-manutenzjoni tal-faċċata tal-arloġġ, u li kien poġġa fuq il-pjan ta’ tliet snin jitħallew. Min-naħa l-oħra kien hemm qbil li kemm-il darba jirnexxielu, il-Kunsill kien se jagħmel l-almu tiegħu sabiex isib *sponsorships* jew xi fondi oħra sabiex jagħmel din il-manutenzjoni meħtieġa.

## 8. RAPPORT DWAR IL-ĠEMELLAĠĠ MA’ ARVIDSJAUR

8.1 Is-SE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li skont il-LN 144 tal-2009, kull Kunsill huwa obbligat li jgħaddi rapport lid-Dipartiment dwar jekk sarux xi attivitajiet fir-rigward tal-ġemellaġġ li jkollu.

8.2 Kien hemm qbil li s-SE għandha tikkonferma li ma saret ebda attività bejn il-Kunsill Lokali tal-Imtarfa u l-Kunsill ta’ Arvidsjaur matul is-sena 2013.

## 9. MEMO 4/2014 – GĦAJNUNA LILL-KUNSILLI LOKALI LI GĦANDHOM IR-RESPONSABBILTA’ TA’ LIBRERIJA LOKALI

9.1 Is-SE ġibdet l-attenzjoni ta’ Memo 4/2014. Kien hemm qbil li għal din is-sena l-Kunsill ma jipparteċipax.

## 10. MEMO 5/2014 – SKEMA TA' GĦAJNUNA FINANZJARJA GĦAL *STREAMING* TA' LAQGĦAT *ONLINE*

10.1 Is-SE ġibdet l-attenzjoni għal Memo 5/2014. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu japplika għall-finanzjament ta' €1000.

10.2 Sadanittant hija infurmat ukoll li minn mindu ntrebħet l-offerta għall-installazzjoni tal-*cameras* sabiex isir l-*online streaming* tal-laqgħat, kien kellha diversi problemi mal-kuntrattur magħżul. Dan wara li ma min-naħa tad-Dipartiment kienu kkonfermaw li ma kienx 100% compliant u għaldaqstant kien intalab joffri *cameras* differenti. Hija infurmat li għalkemm bagħtitlu diversi *reminders*, dan kien baqa' ma taha ebda risposta. Kien hemm qbil bejn il-Kunsill kollu li s-SE għandha twaqqa' dan il-ftehim ladarba ma ġiex onorat u tmexxi bit-tieni l-aħjar offerent.

## 11. PUNTI OĦRA

11.1 Għalkemm bi żvista ma reġax tniżżel l-item fuq l-aġenda, kien hemm qbil li l-Kunsill japprova r-rapport amministrattiv ibbażat fuq is-sena 2013. Kopja tiegħu hija annessa.

11.2 Il-Kunsill iddiskuta u approva r-risposta li tħejjiet min-naħa tas-SE rigward ir-rapport tal-Awditur Ġenerali għas-sena 2012.

11.3 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien irċieva Memo 34/2013 fejn id-Dipartiment kien qed jinforma lill-Kunsilli li setgħu joħorġu offerta pubblika li tiġġedded sena sena. Fid-dawl ta' dan, hi kienet iltaqgħat ma' numru ta' SE oħra li jiffurmaw parti mir-Reġjun Tramuntana, sabiex jiġi evalwat jekk jistax jinħareġ kuntratt uniku għal-lokalitajiet kollha. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jistenna sabiex jara b'liema proposti se joħroġ bihom ir-Reġjun qabel ma joħroġ sejħa hu.

11.4 Is-SE preżentat ittra mingħand residenta li kienet waqgħat hi u nieżla targa fi Triq il-Ġiżi u kisret sieqha. Għalkemm hija ma semmietx ebda somma, kienet qed titlob kumpens lill-Kunsill. Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja ta' din l-ittra lill-avukat u lill-*insurance* għal direzzjoni min-naħa tagħhom.

11.5 Is-Sindku fakkar lis-SE sabiex tikteb lill-Perit fir-rigward tat-talba tal-Kunsill għad-devoluzjoni tal-*playing field*.

## 13. AĠĠORNAMENT

13.1 Il-laqgħa spiċċat fl-10:30pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar il-Ħamis 20 ta' Marzu fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| **Josette Micallef** | **Daniel John Attard** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |